SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2016

**DATA: It-Tlieta, 9 ta' Frar 2016** **ĦIN: 7.15p.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fit-Tea Room, fi Ġnien is-Serenita'.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku, Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar, il-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joseph Bonello, is-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio, l-Uffiċċjal Eżekuttiv Louise Gatt u l-iskrivana Marilyn Ellul flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att Dwar il-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Proġetti tal-Kunsill
- *Resurfacing* ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP
- Day Centre and Learning Hub għall-Anzjani
- Proġett tal-Jogging Track
- Proġett tal-Berġa
- Xogħol ta' Manutenzjoni
- Immaniġjar tat-Traffiku
- Ġemellaġġi
- Skemi
- Inizjattivi indirizzati lejn il-Kommunita'
- Gal Xlokk

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2016

Is-Sindku qara Pjan ta' Ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2016. Huwa spjega fid-dettal il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2016

- Proġetti
- Xogħol ta’ Upgrading
- Toroq taħt l-iskema tal-PPP
- Attivitajiet u Inizjattivi indirizzati lejn il-komunita’

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

***Is-Sur Michael Pule’ I.D. 412060M***

Is-Sur Pule’ feraħ lil Kunsill għall-ħidma tiegħu u qal li bħala resident ma jkunx jaf li jkun għaddej dan ix-xogħol kollhu. Huwa faħħar ukoll l-inizjattiva li l-avvizi tal-Kunsill qed jitqassmu bieb bieb. Is-Sur Pule’ semma l-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout u qal lill-ħruġ ingħalaq minn Trasport Malta mingħajr ebda konsultazzjoni. Huwa rrefera għat-Traffic Lights Junction li ppropona l-Kunsill u qal lir-residenti għandhom id-dritt ikunu jafu x’ser isir.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sur Ellul qal li meta ngħalaq il-ħruġ minn Santa Luċija l-Kunsill permezz tal-Viċi Sindku s-Sur Cutajar tħabat biex is-siegħat li fihom ingħalaq il-ħruġ tnaqqsu drastikament. Huwa qal lill-Kunsill flimkien ma’ Trasport Malta għadhom qed jifformulaw il-proposta tat-*Traffic Lights Junction* u kif tkun lesta tintbgħat lir-residenti. Huwa qal li l-Kunsill qed jaħdem biex ikollna ħruġ effettiv.

***Is-Sur Victor Pisani I.D. 360548M***

Is-Sur Pisani qal li xtaq juri apprezzament tiegħu kemm lejn il-Kunsill kif ukoll lejn l-istaff u qal li meta ġie bżonn dejjem inqedgħa sew mill-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa għadda kumment fuq il-problema tal-ħruġ tal-boroż tal-iskart li qed jinħareġ minn filgħaxija.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li dalwaqt ser ikun hemm il-*green wardens* li ser jagħmlu *enforcement* nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Ħadd li huma l-ġranet li fihom din il-problema tinħass l-aktar. Huwa qal li fil-pjanijiet tiegħu l-Kunsill qed jara kif jista jeduka lin-nies għax dik hi s-soluzzjoni. Huwa qal li l-Kunsill qed jitkellem mal-Greenpak fuq dawn il-problemi u qal ukoll li din is-sena ser ikun qed jaħdem mal-Greenpak fuq inizjattivi relatati mas-separazzjoni tal-iskart.

***Is-Sur Anthony Zerafa I.D. 287546M***

Is-Sur Zerafa tkellem dwar il-problemi fi Triq iż-Żafran u rampa dejjem ibblukata bil-ħaxix ħażin u ħmieġ li jinġabar. Huwa qal li meta tagħmel ix-xita l-ilma jidħol sa ġol-garaxxijiet. Huwa semma wkoll Triq iċ-Ċikwejra u qal lill-Kunsill għamel katusa u l-ilma jmur lejn l-entratura u jidhol fil-pedamenti. Huwa sostna li meta saret it-triq ix-xogħol sar ħażin.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li fuq il-knis u tindif ta' toroq il-Kunsill għaddej minn sitwazzjoni partikulari peress li meta l-Kunsill għażel il-kuntrattur il-ġdid fuq dan il-kuntratt, kien hemm appell mill-kuntrattur preċedenti. Huwa qal lill-Kunsill spiċċa b'kuntrattur differenti kull xahar għal dawn l-aħħar xahrejn. Is-Sindku qal li l-appell inqata' favur il-Kunsill iżda l-Kunsill irid jistenna għoxrin ġurnata oħra biex ikun jistgħa jiġi *awarded* dan il-kuntratt sakemm ma jkunx hemm appell ieħor fil-qorti ċivili. Huwa qal li ser tittieħed nota ta' dak li qal is-Sur Zerafa biex il-Kunsill ikun jista jsib soluzzjoni għal dawn l-ilmenti.

***Is-Sur  Joe Attard I.D. 159146M***

Is-Sur Attard irrefera għal problema li hemm quddiem Blokk 7, fi Triq il-Ġnien u staqsa meta ser tittranġa l-parti tat-triq li saret ħażin.

*Tweġiba tas-Sindku*

Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jistenna l-kuntrattur ilesti minn fuq biċċa xogħol oħra u qabel jagħmel ix-xogħol sewwa mhux ser jingħata xogħol ieħor.  Huwa qal li filfatt għada ser ikun qed jiltaqa' ma' dan il-kuntrattur flimkien mal-perit tal-Kunsill.  Huwa qal li kif dan ilesti, jibda x-xogħol quddiem blokk 7.  Is-Sindku qal li sal-aħħar ta' dan ix-xahar ix-xogħol ikun beda żgur.

***Is-Sinjura Mary Ann Attard I.D. 333848M***

Is-Sinjura Attard irreferit għal Blokk 7 fi Triq il-Ġnien u qalet li sar xogħol fuq il-bejt tal-blokk minn kuntrattur u t-tankijiet tellahom fuq it-turretta bil-konsegwenza li issa għandhom problema biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni.

***Twegiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li jaf bil-problema u tkellem mal-kuntrattur u qallu li jrid jiltaqa' miegħu.

***Is-Sur Michael Pule' I.D.  412060M***

Is-Sur Michael Pule' reġa' tkellem u semma l-attivita' tac-Chinese Food Festival li saret fis-sajf u qal li ta' min jerġa jagħmel din l-attivita' li għaliha attendew ħafna nies. Huwa semma l-korijiet u qal li f'Santa Luċija hawn ħafna korijiet. Huwa rrefera għal kunċert tal-Angelic Voices u ppropona li jekk jerġa jsir għandu jsir fit-13 ta' Diċembru għax taħbat il-festa ta' Santa Luċija u d-data tkun aktar eqreb il-festi tal-Milied.

Is-Sur Pule' semma wkoll il-*driving lessons* privati li jsiru fit-toroq u semma toroq partikulari li huma milquta minn dan l-inkonvenjent.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku rrefera għall-attivita' tac-Chinese Food Festival u qal li hemm xi affarijiet li l-Kunsill irid li jitranġaw u jsiru aħjar. Rigward il-korijiet huwa qal lit-talent lokali tagħna mhux ser ninsewh.

Rigward id-*driving lessons* huwa qal li ġieli kellem lil *instructors* huwa stess u qed jitkellem ukoll ma' Transport Malta dwar dan. Huwa qal li dawn l-*instructors* ma jistgħux jgħallmu fil-Ħdud u Festi.

***Is-Sur Anthony Zerafa I.D. 287546M***

Is-Sur Zerafa reġa' tkellem u staqsa dwar il-possibilita' li jsiru *notice boards* fil-Binjiet tal-Gvern biex fihom isiru avvizi fir-rigward tal-komun.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li dawn l-affarijiet iridu jieħdu ħsiebhom l-amministratturi tal-Binjiet tal-Gvern.

## 5. DISKORS TAL-GĦELUQ

Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill biex jgħaddu l-messaġġ tagħhom lil pubbliku preżenti għal din il-laqgħa.

### *5.1 Il-Kunsillier Joe Bonello*

Is-Sur Bonello qal li l-Kunsill kontinwament jagħmel l-almu tiegħu għal ġid tar-residenti u tal-lokalita'. Huwa qal li l-Kunsill iżomm kuntatt mar-residenti permess bid-*database* tal-*e-mails* u semma wkoll lil-laqgħat tal-Kunsill huma *live-streamed* fuq l-*Internet*.

Huwa feraħ lis-Sindku l-ġdid u lil Viċi Sindku tal-wieħed u għoxrin sena li serva bħala Sindku ta' din il-lokalita'. Huwa awgura li l-Kunsill jibqa jaħdem u jiġbed ħabel wieħed.

### *5.2 Il-Kunsilliera Caroline Galea*

Il-Kunsilliera Galea selmet lil dawk preżenti għal din il-laqgħa u rringrazzjathom tal-*feedback* tagħhom. Hija qalet li llum il-laqgħat tal-Kunsill huma *streamed live* u wieħed jistgħa jsegwi l-ħidma tal-Kunsill tul is-sena kollha. Hija sostniet li l-ħames membri tal-Kunsill jisimgħu l-ilmenti u s-suġġerimenti tul is-sena kollha. Is-Sinjura Galea awgurat li lkoll nibqgħu naħdmu flimkien biex insebbħu aktar il-lokalita' ta' Santa Luċija.

### *5.3 Il-Kunsillier Liam Sciberras*

Il-Kunsillier Sciberras irringrazzja lil-Viċi Sindku tal-ħidma tiegħu tul dawn is-snin kollha li kien ilu fil-Kunsill f'kariġa ta' Sindku. Huwa qal li din kienet l-ewwel sena għalih bħala Kunsillier u rringrazzja lil kulħadd tal-appoġġ. Huwa kompla jgħid li laqtugħ is-suġġerimenti kollha li saru u ħa nota tagħhom ħalli l-Kunsill ikun jista' jwettaqhom. Huwa qal li b'hekk il-laqgħa tkun tagħt il-frott.

Il-Kunsillier Sciberras qal lill-ħsieb tiegħu huwa li l-Kunsill ikompli b'ħidma li ma tieqafx. Huwa rringrazzja lil dawk preżenti u awgura li kellhom bidu ta' sena tajjeb.

### *5.4 Il-Viċi Sindku Frederick Cutajar*

Il-Viċi Sindku qal lil-Kunsill għandu bżonn l-appoġġ tar-residenti biex l-affarijiet jimxu sew. Huwa semma l-*green wardens* u qal li biex ikollok is-servizz ta' *green warden* 24 x 7 trid tonfoq l-eluf. Huwa qal li r-residenti iridu jkunu viġilanti u jirrapurataw lil Kunsill b'mod disrkret. Is-Sur Cutajar kompla għid li meta l-Kunsill ġab lil g*reen wardens,* dawn qatt ma resqu lil ħadd. Huwa ta proset lil Kunsill għall-attivitajiet li jwettaq. Fir-rigward tal-korijiet huwa qal li l-Kunsill kemm 'il darba ġab korijiet sbieħ sew lokali kif ukoll barranin iżda l-attendenza mhux dejjem laħqet il-livell mixtieq. Rigward il-Joy Gospel huwa qal li dawn il-kunċerti kienu u jibqu jsiru. Fir-rigward ta' Triq iż-Żafran qal li jrid jiġi mnaddaf il-*gutter* u ħeġġeġ lir-residenti biex ma joqgħodux jistennew il-laqgħa tal-lokalita' biex iresqu l-ilment tagħhom iżda għandhom jiġbdu l-attenzjon tal-Kundill tul is-sena kollha.

Is-Sur Cutajar għalaq id-diskors tiegħu billi rringrazzja lir-residenti tal-fiduċja li wrew fil-ħames membri ta' dan il-Kunsill. Huwa rringrazzja wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha.

### *5.5 Sindku Terrence Ellul*

Is-Sindku fetaħ id-diskors tiegħu billi qal proset lil Viċi Sindku u lil Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha Marilyn u Louise lil-aktar li jħabbtu wiċċhom man-nies.Huwa wera wkoll l-apprezzament tiegħu lis-Sinjura Polidano li għoġobha tagħmel donazzjoni ta' tmien siġriet lil Kunsill.

Is-Sindku rringrazzja lin-nies tal-fuduċja li wrew f'dan il-Kunsill li ser ikun qed jaħdem bħala grupp biex jara li jitwettaq il-Pjan ta' Ħidma li ġie preżentat waqt

din il-laqgħa. Huwa qal li bħalissa qed isir *maintenance* fuq il-*Playing Field area*. Huwa qal li ser tinxtara bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali u huwa ppjanat ukoll li ssir *gate* fil-ħruġ għal fuq Triq Inez Soler.
Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-proġett ta' *Skate Park* u qal li dan il-proġett ser ikunu qed jaħdmu fuqhu iż-żgħażagħ stess. Huwa qal lil-impenn ta' dawn iż-żgħażagħ għandu l-għan li jżommhom il-bogħod mill-vandaliżmu.

Is-Sindku għamel referenza għal edukazzjoni u semma inizjattivi li ser ikun qed iwettaq il-Kunsill f'dan ik-kamp fosthom lezzjonijiet tal-privat fl-iskola stess, supervizzjoni waqt il-*homework* u attivitajiet kull nhar ta' Sibt filgħodu li jvarjaw minn ġimgħa għall-oħra.

Fl-għeluq ta' din il-laqgħa s-Sindku rringrazzja mill-ġdid lil dawk preżenti.

## 6. TMIEM

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>l-Erbgħa, 17 ta' Frar 2016</u>**

**Terrence Ellul**
**Sindku**